# LIL ALLA

Hawn issa waħdi bejn da's-sema tiegħek
u dan il-moħħ li tajtni, jien quddiemek
irrid fil-ħemda niftaħ qalbi miegħek,
irrid li nisma' wkoll fil-ħemda kliemek.

Għax kliemek ħelu faraġ għal min qalbu
wara l-ħidma tal-jum ikollu mdejqa;
Int għamilt wegħda li tismagħlu talbu
u li bi kliemek ruħu tkun imfejqa.

Għalhekk jien ġejt, għax qisni minngħajr ħajja
u moħħi tilef minn tal-ħsieb is-saħħa;
l-anqas nixtieq ma nista' l-għaliex l-għajja
taħkem qiegħda bit-toqla kollha tagħha.

Dil-ħajja li q'għed ngħaddi fit-taqbida
qalila bla mistrieħ għal l-Art twelidi,
Int ġagħ'lni nħoss li hekk imħabbta tridha :
hi taħdem qiegħda kif trid Int, ja Sidi.

**Dr. C Mifsud Bonnici,**